

**Brussell, 12 ta' Mejju 2021  
(OR. en)**

**8470/1/21  
REV 1**

**COMPET 324  
MI 313  
DIGIT 54**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8470/21	
Suġġett:	L-ingranaġġ tal-kompetittività u l-influwenza globali tal-Unjoni Ewropea permezz ta' Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali ambizzjuż - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness Nota tal-Presidenza dwar l-ingranaġġ tal-kompetittività u l-influwenza globali tal-Unjoni Ewropea permezz ta' Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali ambizzjuż, bi tħejjija għall-Kunsill Kompetittività tas-27 ta' Mejju 2021.

## **L-ingranaġġ tal-kompetittività u l-inflwenza globali tal-Unjoni Ewropea permezz ta' Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali ambizzjuż**

### *Nota mill-Presidenza*

1. Il-Presidenza Portugiża ntlaqtet mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjetali tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa, u mill-proċess ta' rkupru sussegwenti. Dan, imbagħad, wera l-ħtieġa li l-Ewropa tibni fuq il-momentum tad-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, il-Presidenza inkarigat lilha nnifisha milli tippromwovi t-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija, tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika, anki bil-ħsieb li tikkontribwixxi għas-sovranità diġitali tal-Ewropa.
2. Il-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività hija opportunità kbira għal diskussjoni dwar il-progress li nkiseb fil-qasam tat-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija tagħna, kif ukoll okkazzjoni biex nirriflettu fuq l-iżviluppi u l-prijoritajiet futuri, partikolarment fir-rigward tat-tisħiħ tas-Suq Uniku, li huwa wieħed mill-aktar assi siewja tagħna fit-tisħiħ tas-sovranità diġitali tal-Ewropa.
3. Sabiex nieħdu bis-sħiħ l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu żgurati l-kondizzjonijiet it-tajba biex is-Suq Uniku jinżamm miftuħ u mingħajr xkiel, biex jinġibdu u jinżammu l-investment u t-talent, biex l-intraprendituri diġitali u l-SMEs ikunu jistgħu jidħlu fis-suq, jespandu u jikbru f'ambjent ġust, u biex l-UE ssir l-aktar suq diġitali kompetittiv fl-ekonomija globali.
4. Fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-25 ta' Marzu 2021, il-Mexxejja stiednu lill-koleġiżlaturi biex jaħdmu malajr fuq il-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali – li jinkludi l-proposta dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-proposta dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali – bil-għan li jissaħħaħ is-Suq Uniku għas-servizzi diġitali, billi jinħoloq spazju diġitali sigur u aktar sikur, b'kondizzjonijiet biex irawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività.

5. Il-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali għandu l-għan li jistabbilixxi qafas ta' regoli armonizzati għall-ekonomija diġitali madwar l-Unjoni, u b'hekk isahha is-Suq Uniku għas-servizzi diġitali. Bir-regolament propost dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-pjattaformi ser ikunu soġġetti għal obbligi armonizzati ta' diliġenza dovuta relatati mar-rwol tagħhom li jospitaw jew ixerrdu kontenut permezz tas-servizzi tagħhom u mal-politiki ta' moderazzjoni tagħhom f'konformità mad-drittijiet fundamentali (partikolarment, il-libertà tal-espressjoni), li jikkontribwixxu għal ambjent online aktar sikur u prevedibbli. Barra minn hekk, il-proposta dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali għandha l-għan li tiżgura kondizzjonijiet tas-suq ġusti u kontestabbli sabiex il-kumpanniji u l-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn opportunitajiet diġitali, li jippermettu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.
6. Ir-regoli li jirregolaw is-servizzi diġitali jeħtieġ li jkunu aġġornati biex jiffaċċaw l-isfidi tal-ambjent diġitali attwali, u jeħtieġ ukoll li jibqgħu validi fil-futur biex jipprovdu prevedibbiltà u jwieġbu għal tipi ġodda ta' servizzi u atturi li jidhru fis-suq intern. Sabiex il-kumpanniji u n-negozji jkunu jistgħu jespandu u japprofittaw minn suq b'450 miljun utent, ir-regoli jeħtieġ li jkunu armonizzati u ċari fil-livell tal-Unjoni. Fl-istess ħin, ir-regolamenti tal-UE jridu jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji kollha, irrispettivament minn fejn ikunu stabbiliti, jekk iridu joperaw fis-Suq Uniku Ewropew.
7. Il-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali għandu wkoll aspekk ġeopolitiku importanti: għandu l-potenzjal li jagħmel lill-Unjoni għal darb'oħra pijuniera fil-ħolqien ta' ambjent regolatorju modern, ibbilanċjat u sostenibbli, billi jistabbilixxi qafas ta' regoli u obbligi ta' diliġenza dovuta għal pjattaformi online f'konformità mad-drittijiet fundamentali, kif ukoll billi jistabbilixxi sett ta' regoli komplementari għal-liġi tal-kompetizzjoni u allinjati mal-evoluzzjoni tas-swieq diġitali.

8. Iż-żewġ strumenti legali tal-pakkett huma elementi ewlenin biex jingranaw is-sovranità diġitali u l-influenza globali tal-Unjoni, kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kumpass Diġitali<sup>1</sup>, li tqiegħed lill-UE bħala mexxejja globali fl-ekonomija u s-soċjetà diġitali permezz tan-network tagħha ta' sħubijiet diġitali internazzjonali, li fihom il-kooperazzjoni regulatorja hija wieħed mill-elementi ewlenin.
9. L-analiżi taż-żewġ proposti għamlet progress tajjeb fil-Kunsill u wriet allinjament wiesa' dwar l-oġettivi u l-elementi ewlenin. Għalhekk, jekk nibdew miż-żewġ rapporti ta' progress dwar il-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali li l-Ministri ser jieħdu nota tagħhom matul il-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività, il-Presidenza temmen li huwa f'waqtu u politikament rilevanti li jsir dibattitu ta' orjentazzjoni marbut mal-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali, li jiffoka partikolarment fuq l-importanza strateġika tiegħu għal  
(i) is-Suq Uniku fl-era diġitali u (ii) għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.
10. Il-membri tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir iddiskutew f'laqgħa informali l-modi għas-sovranità diġitali Ewropea u appoġġaw b'mod ġenerali l-oġettivi u l-miri tal-Kumpass Diġitali.
11. Il-Ministri huma għalhekk mistiedna jimpenjaw ruħhom f'dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fis-27 ta' Mejju 2021 u jiddiskutu l-mistoqsija li ġejja:

***Liema aspetti speċifiċi tar-regoli leġiżlattivi futuri li jirregolaw is-servizzi u s-swieq diġitali għandhom jitqiesu bħala ta' importanza kbira biex jiggwarantixxu regolament ambizzjuż li jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u li jkun tassew effettiv?***

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Regġuni, Il-Kumpass Diġitali għall-2030: it-triq Ewropea għad-Deċennju Diġitali, COM/2021/118 final. (Mhux disponibbli bil-Malti)